**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAL-25 TA' NOVEMBRU, 2021**

**Kawza Numru: 9**

**Rik. Ġur. 115/2019 RGM**

**Josephine Fenech (I.D. 211561M)**

**vs.**

**Benjamin Schembri (I.D. 434498M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Josephine Fenech** ippreżentat fis-6 ta' Frar, 2019 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi hija tigi l-eredi tad-defunt zewgha Paul Fenech li gie nieqes fid-9 ta' Novembru 2017 f'incident stradali gewwa Triq il-Kbira San Guzepp il-Hamrun;

2. Illi fl-imsemmi incident Paul Fenech li kellu sittin sena (60) meta miet kien riekeb fuq mutur numru tar-registrazzjoni ICA-467 waqt li b'imperizja, negligenza u nuqqas ta' regolamenti tat-traffiku l-intimat li kien qed isuq vettura tat-tip BMW numru tar-registrazzjoni HBU-882 baqa' diehel fih u bl-inpatt Paul Fenech tilef hajtu tragikament;

3. Illi kawza tal-mewt tal-imsemmi Paul Fenech, ir-rikorrenti martu sofriet danni attwali u futuri kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi ghalhekk kellhom isiru dawn il-proceduri;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara illi l-intimat kien unikament responsabbli ghall-mewt ta' Paul Fenech, li gie nieqes fl-incident stradali li sehh fid-9 ta' Novembru 2017 gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, fejn l-istess intimat waqt li kien qed isuq il-vettura HBU-882 b'imperizija, negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku dahal fil-mutur misjug minn Fenech numru ICA-467, li mal-inpatt tilef hajtu;

2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti li hija mart Paul Fenech u l-uniku eredi tieghu, jekk mehtieg bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tordna lill-intimat ihallas id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez u bl-imghax u b'hekk l-intimat jibqa` minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-**Risposta ġuramentata ta' Benjamin Schembri** preżentata fil-25 ta' Marzu, 2019, fejn jinghad kif gej:

1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti attrici trid tipprova kemm hija l-eredi tad-defunt Paul Fenech, u kemm illi hija l-unika eredi;

2. Illi fil-mertu, fl-ewwel lok jigi sottomess illi t-talbiet attrici ghandhom kollha jigu michuda fl-intier taghhom, u dan stante illi l-intimat, ma kellu **assolutament u certament l-ebda tort u/jew responsabbilita`** ghal kwalunkwe danni li setghet soffriet minnhom l-attrici;

3. Illi fil-fatt, u dan kif se jirrizulta ahjar mill-provi prodotti fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-incident de quo **GARA UNIKAMENT TORT TA' L-ISTESS PAUL FENECH** u dan minhabba imperizja, negligenza, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti TIEGHU STESS BISS u dan kif se jigi ppruvat ahjar waqt is-smigh ta' l-istanti;

4. Illi jsegwi allura illi l-intimat ma kellu assolutament l-ebda tort ghal incident li sehh;

5. Illi konsegwentement, ma hemmx lok illi jigu likwidati ebda danni a favur tal-istess attrici;

6. **Illi ghalhekk t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu kollha michuda, bl-ispejjez kontra taghha;**

7. Illi in ogni caso, sussidjarjament u strettament minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici trid iggib prova kemm tad-danni sofferti minnha, u kif ukoll prova illi ghad-danni hekk sofferti minnha, jahti unikament u biss l-istess intimat;

8. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal dak sottomess precedentement, l-intimat jipprotesta ruhu ghall-ispejjez, u dan peress illi huwa fl-ebda hin ma gie interpellat jersaq ghal hlas ta' kwalunkwe danni, qabel ma giet intavolata din il-procedura;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, ai termini tal-ligi, jekk ikun il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat illi l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attriċi**.

Permezz tal-kawża odjerna l-attriċi Josephine Fenech qed tfittex għad-danni kontra l-konvenut Benjamin Schembri għaliex żewgħa Paul Fenech miet f'inċident stradali fid-9 ta' Novembru 2017 u tallega li għal dan l-inċident kien unikament responsabbli l-konvenut.

Il-konvenut min-naħa tiegħu jilqa' għat-talbiet attriċi billi jeċċepixxi illi huwa ma kellu l-ebda tort għall-inċident de quo u għalhekk ma hu responsabbli għall-ebda danni.

**Provi**.

Jirriżulta illi Paul Fenech kien impjegat ma' Malta Dairy Products ġewwa l-Ħamrun. L-inċident seħħ fid-9 ta' Novembru 2017 ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp il-Ħamrun meta kien hemm ħabta bejn il-mutur misjuq minn Paul Fenech u vettura misjuqa mill-konvenut. Dan seħħ għal ħabta tal-ħdax neqsin għaxra ta' filgħaxija (10.50 pm) meta Paul Fenech spiċċa mix-xogħol u kien sejjer lejn id-dar.

**L-Ispettur Elliott Magro** li kien stazzjonat fl-għassa tal-pulizija tal-Ħamrun f'dak il-ħin mar fuq il-post tal-inċident u d-deskriva li ra lil Paul Fenech mixħut mal-art mingħajr sinjali ta' ħajja. Kienet issejħet ambulanza. Ġie fost l-oħrajn Dr Michael Spiteri li pprova jirrisuxxita lil Paul Fenech iżda ma kienx hemm rispons għal dawn it-tentativi. Għalhekk Dr Spiteri iċċertifika li Paul Fenech kien mejjet.

L-Ispettur Magro avża lill-Maġistrat tal-Għassa li ħatret diversi esperti fosthom lill-Prokuratur Legali Mario Buttiġieġ.

L-Ispettur spjega li huwa kien ta struzzjonijiet lis-surġent sabiex jieħu lill-konvenut Benjamin Schembri fl-Għassa tal-Ħamrun sabiex isirlu l-*breathalayser test*. Il-konvenut ingħata s-solitu twissija; tħalla jikkonsulta ruħu mal-avukat tal-fiduċja tiegħu permezz tat-telefon u sarlu t-test. It-test ħareġ fin-negattiv.

Fuq il-post tal-inċident kien ra lil Paul Fenech mixħut mal-art ħdejn il-bankina wiċċu 'l fuq; il-mutur Honda ICA-467 misjuq minn Paul Fenech kien f'nofs tat-triq; vettura BMW numru HBU-882 maħbuta ma' vettura oħra tal-għamla Fiat li kienet ipparkjata u fit-triq kien hemm vettura oħra tal-marka Citroen li bħal mutur u bħal BMW kellha diversi ħsarat.

L-Ipsettur Magro spjega illi l-konvenut, is-sewwieq tal-BMW, tkellem mal-pulizija u qalilhom li huwa kien nieżel mill-Ħamrun direzzjoni lejn il-Belt Valletta f'St Joseph High Road, u ħareġ mutur minn triq sekondarja u ma kellux ċans jevita l-impatt. Il-konvenut kien qalilhom illi kien ħabat mal-mutur l-ewwel u sussegwentement mal-ewwel seħħet it-tieni kollizzjoni ma' vettura li kienet tiela mid-direzzjoni opposta fil-karreġjata l-oħra. Mal-konvenut kien hemm Leon Azzopardi passiġġier.

L-Ispettur kellem ukoll lil ċertu Christianne Buhagiar li kienet qed issuq il-vettura Citroen numru HBM-912 fejn qalet li kienet ġejja mill-

Belt Valletta sejra lejn l-Imdina u li hekk kif għaddiet minn St Joseph High Road il-Ħamrun "f'daqqa waħda hija, il-kliem tagħha, qalet illi rat flash of light u ma kellhiex ċans tevita dan l-impatt. Fil-fatt hija kull ma rat kien dan il-flash of light u sussegwentement sehhet din il-kollizzjoni. Irriżulta li dan il-flash of light kien fil-fatt il-vettura misjuqa minn Benjamin Schembri."

Mill-investigazzjonijiet li kien għamel kien irriżultalu illi Paul Fenech kien ippanċja fuq il-post tax-xogħol qabel telaq eżattament fl-għaxra u tnejn u ħamsin minuta (22:52), "...ftit minuti qabel ma sehh dan l-inċident u huwa jidher illi għadda minn Triq Camelia il-Ħamrun illi hija triq li tinfed bejn il-post tax-xogħol tiegħu u St Joseph High Road."

L-Ispettur Magro xhed illi fil-kors tal-investigazzjoni tiegħu jaf illi l-esperti nominati mill-Qorti kienu elevaw filmat tal-inċident li pero' dak il-filmat huwa ma rahx.

L-attriċi sejħet bħala xhud lill-Prokuratur Legali Mario Buttieġieġ li kkonferma li huwa kien ġie inkarigat mill-Maġistrat inkwirenti sabiex jagħmel rikostruzzjoni tal-inċident martu tal-kawża odjerna. Apparti li jagħmel ir-rikostruzzjoni, kien ingħata wkoll l-inkarigu li jisma' x-xhieda.

Dwar l-inċident jgħid hekk:

> "Jien kont gejt inkarigat mill-Magistrat inkwerenti sabiex naghmel *re-construction* ta' l-incident li kien sehh gewwa Triq il-Kbira San Guzepp il-Hamrun fid-9 ta' Novembru 2017 fejn kien wegga' gravi u konsegwentement miet Paul Fenech. Apparti naghmel din ir-rikostruzzjoni kellhi wkoll l-inkarigu biex niehu x-xhieda tal-partijiet involuti.
>
> Dan bazikament kienet kollizjoni fejn kien hemm involuti erbgha karozzi. Wahda ghamla BMW mudell 118D Reg No HBU882

misjuqa minn Benjamin Schembri, vettura Citroen mudell C3 Reg No HBM912, Fiat Punto li kienet ipparkjata u Seat Ibiza li kienet ukoll ipparkjata u mutur Honda Reg No ICA 467 li kienet qed tigi misjuqa minn Paul Fenech.

Bazikament kif ghidt din kienet habta li sehhet ghall-habta tal-hdax neqsin ghaxra ta' filghaxija fejn is-sewwieq tal-mutur hareg minn triq sekondarja u cioe minn Triq Kamilja u hekk kif kien hiereg, il-BMW laqghat il-mutur bil-konsegwenza li l-mutur mar fuq in-naha tax-xellug u laqghat karozza pparkjata. Is-sewwieq Schembri ha azzjoni evasiva fejn baqa' diehel go Citroen head on collision u konsegwentement il-karozza mxiet lura waqt li l-BMW baqa' diehel go karozza ohra li kienet ipparkjata fuq in-naha tal-lemin tat-triq. M'ghandi xejn iktar xi nzied jew inaqqas fir-rapport li ghamilt jien."

Ix-xhud eżebixxa kopja tar-rapport li huwa irrediġa fl-inkjesta.

Taħt il-kappa "**7. Investigazzjoni u rikostruzzjoni tal-inċident**" jgħid hekk:

"Illi l-ewwel impatt seħħ fuq in-naħa tax-xellug ta' triq. Illi l-inċident seħħ meta Benjamin Schembri kien qed isuq il-vettura li hi reġistrata fuq ismu mid-direzzjoni tal-Ħamrun sejjer lejn il-Blata l-Bajda u hekk kif hu kien qed isuq fid-dritt, ħareġ Paul Fenech mit-triq sekondarja fejn hemm seħħet il-kolliżjoni. Illi kif seħħet il-ħabta Schembri dawwar l-isteering fuq in-naħa tal-lemin tiegħu u hemm seħħet it-tieni kollizjoni ma' vettura oħra ta' għamla Citroen mudell C 3 li kienet qed tiġi misjuqa minn Christine Buhagiar. Illi l-veloċita' li kien għaddej biha kienet tant b'saħħitha li l-vettura Citroen imxiet lura waqt li l-BMW baqet sejra 'l quddiem bil-konsegwenza li ħabtet ma' vettura oħra ta' għamla Fiat mudell Punto li kienet ipparkjata ma' ġemb it-triq. Il-BMW waqfet u straħħet mal-Fiat Punto. Illi bl-ewwel

impatt partijiet mill-mutur taru u laqtu vettura oħra ta' għamla Seat mudell Ibiza li għandha n-numru tar-reġistrazzjoni IBF 595 li kienet ipparkjata fuq in-naħa tax-xellug ta' triq.

Illi fl-opinjoni tal-esponent, Schembri kien għaddej b'veloċita' qawwija hu jew ma rax lil Fenech ħiereġ mit-triq sekondarja u ma kienx kapaċi jikkontrolla l-vettura tiegħu. Illi l-istint ta' Schembri kien li meta seħħet il-ħabta u dawwar l-isteering fejn sab is-Citroen C 3 tiela mid-direzzjoni l-kontra. Illi l-impatt kien tant qawwi li l-vittma u ċioe' Fenech spiċċa mitluq mal-art bejn il-BMW u l-Fiat Punto.

Illi mill-evidenza li tħalliet fuq ix-xena tal-allegat inċident irriżulta b'mod ċar illi fil-mument tal-ħabta Benjamin Schembri kien għaddej tant b'saħħtu u dan jidher ukoll mill-*post impact* li ħallew kemm il-vetturi u anke l-mutur. Illi bil-ħabta Paul Fenech miet fuq il-post fejn ġie ċertifikat mejjet mit-tabib Dr Michael Spiteri M.D."

Xhedu wkoll Maria Azzopardi u Rachelle Manduca, passiġġiera fil-vettura misjuqa minn Christine Buhagiar. Maria Azzopardi spjegat kif rat il-karrozza li kienet misjuqa mill-konvenut: "... rajt dawl qawwi u ghalaqt ghajnejja imbaghad kien hemm l-incident...". Rachelle Manduca xhedet: "Jiena kont langemba, kont fuq wara, konna lagemba mexjin bil-mod, nitkellmu flimkien u niftakar li rajt, l-ewwel rajt karrozza niezla, zaghzugh sewwieq.......kien niezel sparat bil-karrozza.....dahal go fina head on u kissirli jdejja fi tnejn imma it was quick."

Dawn iż-żewġ xhieda spjegaw kif bl-impatt il-vettura tagħhom bidlet il-posizzjoni tagħha.

**Il-konvenut Benjamin Schembri** xhed biss li l-assikurazzjoni tal-vettura minnu misjuqa involuta fl-inċident de quo hija Laferla

Insurance. Huwa għażel li ma jixhidx fuq l-inċident minħabba li l-proċeduri penali kontra tiegħu li għadhom pendenti.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Id-dinamika tal-inċident tirriżulta sodisfaċentement mill-provi pjuttost skarsi mressqa. L-uniċi żewġ xhieda okulari li xhedu huma ż-żewġ passiġġiera fil-vettura misjuqa fid-direzzjoni opposta għal dik tal-konvenut.

Mir-riżultanzi proċesswali l-Qorti tikkonkludi li l-inċident seħħ bil-mod u għar-raġunijiet segwenti:

1: Il-konvenut kien qed isuq vettura BMW numru HBU-882 fi Triq San Ġużepp il-Ħamrun fid-direzzjoni lejn il-Blata l-Bajda. Huwa kien qed isuq bi speed eċċessiv. Dan jirriżulta sew mix-xhieda li taw Maria Azzopardi u Rachelle Manduca kif ukoll mit-testimonjanza tal-Prokuratur Legali Mario Buttiġieġ, li fuq inkarigu tal-Maġistrat Inkwirenti kien ħejja rikostruzzjoni tad-dinamika tal-inċident. Li kien hemm speed eċċessiv jirriżulta primarjament minn kif bl-impatt il-mutur u s-sewwieq tiegħu ittajru għal distanza notevoli; nonostante l-impatt il-BMW baqgħet sejra fuq il-karreġġjata l-oħra u baqgħet dieħla *head on* fuq vettura Citroen ġejja mid-direzzjoni opposta tant li bidlitilha d-direzzjoni u baqgħet sejra għal fuq karrozza oħra ipparkjata.

2. Paul Fenech, is-sewwieq tal-mutur, ħareġ minn triq sekondarja, Triq Camelia l-Ħamrun għal triq prinċipali, St Joseph High Road. Kemm kien l-ispeed tal-mutur fil-mument tal-impatt ma jirriżultax. Li hu żgur pero' li ħareġ minn triq sekondarja għal triq priċipali.

3. Mhux ċar jekk qabel l-impatt il-vettura BMW misjuqa mill-konvenut kelliex idwal 'bright' mixgħula. Wieħed jista' jikkonsidra

dan bħala possibilita' mix-xhieda ta' Maria Azzopardi[1] meta xhedet li rat "dawl qawwi" ġej għal fuqhom;

4. Il-mewt ta' Paul Fenech bija kawża diretta tal-impatt bejn il-BMW misjuqa mill-konvenut u l-mutur Honda misjuq mid-decujus.

Sabiex il-Qorti tistabbilixxi r-responsabbilita' jew ir-responsabbiltajiet għal dan l-inċident stradali jeħtieġ qabel xejn jiġu meqjusa il-prinċipji regolanti ir-responsabbiltajiet tas-sewwieqa f'ċirkostanzi simili għal dawk mertu tal-kawża odjerna.

**Side Road User vs Main Road User**.

Tajjeb f'dan l-istadju jiġu delineati sew id-dmirijiet tas-sewwieqa li jkunu għaddejjin minn triq prinċipali kif id-dmirijiet ta' sewwieqa li joħorġu minn triq sekondarja għal triq prinċipali.

Ir-regoli dwar is-sewqan jinstabu prinċipalment fil-**Liġi Sussidjara 65.11** intitolata: **Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur**.

**Regolament numru 76** jipprovdi illi:

"Triq prinċipali hi dik li t-traffiku kollu li jkun għaddej minnha jkollu d-dritta għas-sewqan u t-traffiku fit-toroq kollha li jagħtu għaliha għandhom jagħmlu l-wisa' lil dak tat-triq prinċipali,iżda d-driver ta' kull vettura sew fi triq prinċipali sew f'waħda sekondarja għandu joqgħod attent il-ħin kollu u għandu jieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa f'kull kantuniera."

[1] Paġna 81 tal-proċess

Imbgħad **Regolament numru 82** jipprovdi illi:

" ….. Id-driver ta' vettura li jkun ġej minn triq sekondarja għal triq prinċipali għandu jħalli jgħaddi t-traffiku tat-triq prinċipali."

Il-Qorti ser tirreferi u tadotta l-insenjament u r-rassenja ta' ġurisprudenza applikabbli li nsibu fis-sentenza **Anthony Cassar et. vs Joel Hili** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) 26 ta' April 2006:

" (1) Is-side road user għandu l-obbligu li jċedi għat-traffiku fuq il-main road, li jesplora tajjeb il-main road qabel ma joħroġ fiha, u li jimxi dead slow, u saħansitra li jwaqqaf, biex u sakemm jaċċerta ruħu li jista' joħroġ bla ħsara. Il main road user għandu wkoll l-obbligu li joqgħod attent fil-cross roads, imma l-grad ta' diliġenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-side road user, għax hu ma jkunx qiegħed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi fuq triq dritta – **Maġġur Alfred Stagno Navarra vs Nicola Saliba** et, Appell Ċivili, 27 ta' Novembru, 1961; **Mark Sammut vs Maryse Germaine de la Fargue**; Appell Ċivili 2 ta' April 1976;

(2) Dan il-prinċipju jekkeġġja dak li kien intqal f'sentenza anterjuri, u ċioe, illi, "min ikun isuq karozza u jasal biex joħroġ fi triq prinċipali, għandu l-obbligu li qabel jesplora tajjeb it-traffiku transitanti fuqha; dan ma jfissirx illi min ikun isuq fi triq prinċipali huwa dispensat mill-obbligu ta' kull road user li juża d-diliġenza meħtieġa fis-sewqan, imma l-obbligu ta' min ikun ħiereġ fuq it-triq prinċipali huwa innegabilment ikbar" – **Major Roger Leigh Trapnell nomine vs Emmanuel Muscat**; Prim Awla tal-Qorti Ċivili; 26 ta' Ġunju 1946, per Imħallef W. Harding;

(3) "L-esplorazzjoni da parte tas-side road user għat-traffiku transitanti fuq triq prinċipali (multo magis fejn f'dan il-każ kellu Stop Sign) ma

hijiex limitata għal waqfien f'tarf l-inkroċju, imma inoltre dan għandu jikkalkola jistax jaqsam wara li jistma l-veloċità tal-vetturi li jkunu qed joqorbu lejn l-inkroċju fit-triq prinċipali" – Alexander Bartolo vs Kalċedon Micallef – Prim Awla Qorti Ċivili, 16 ta' Frar, 1972. "L-obbligu tiegħu kien illi jieqaf zoptu wara l-linja indikata ma l-art bħala l-limitu li oltre minnha hu ma setax isuq jekk mhux wara li jkun assigura ruħu li t-triq prinċipali kienet għal kollox clear" – **Aldo Cutajar vs Charles Magro** – Appell Sede Inferjuri, 27 ta' Ottubru 2000;

(4) Tibqa' pero dejjem valida wkoll l-osservazzjoni illi, "Il-main road user m'għandux, unikament għax u bħala tali, xi brevett ta' immunità minn kwalunkwe responsabbilità f'kull infortunju stradali li fih ikun ko-involt side road user – **Lawrence Montebello vs Vincent Gatt** – Appell Ċivili, 19 ta' Awwissu, 1966."

Ikkunsidrat;

Mill-provi mressqa jirriżulta illi fl-istanti qabel seħħ l-inċident il-konvenut kien il-"main road user" filwaqt li d-decujus ħareġ minn triq sekondarja ("minor road") għal triq prinċipali ("main road"). Dan għaliex St Joseph High Road fil-Ħamrun taqa' fil-kategorija ta' "main road" filwaqt li t-triq li minna ħareġ id-decujus hija indubjament triq sekondarja li taqa fil-kategorija ta' "minor road".

Dwar ir-reazzjoni u l-azzjoni evasiva li sewwieq fi triq prinċipali jieħu meta rinfaċċjat b'emerġenza riżultat ta' ħruġ ta' vettura minn triq sekondarja jingħad hekk fis-sentenza "**Maġġur Alfred Stagno Navarra vs. Nicola Saliba et**." mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru 1961:

"Driver li japplika l-"brakes" u jiġbed għall-lemin meta jkun fuq il-"main road" u jsib ruħu konfrontat f'daqqa waħda bl-emerġenza subitanea ta' "side road user" li joħroġ f'salt u jissorprendieh, jagħmel iż-żewġ manuvri li istintivament wieħed għandu jistenna li jagħmel bħala azzjoni evażiva tal-kolliżjoni."

Stabbilit illi fl-istanti qabel l-impatt il-konvenut kien qed isuq karrozza fi triq prinċipali filwaqt li d-decujus ħareġ minn triq sekondarja għat-triq prinċipali li fiha kien għaddej il-konvenut; isegwi illi 'prima facie' il-konvenut kellu 'right of way'. Qed jingħad 'prima facie' għaliex filwaqt li kif rajna, min qed isuq fi triq prinċipali għandu biex ngħidu hekk 'id-dritta'; fl-istess waqt is-sewwieq fi triq prinċipali ukoll għandu obbligi ta' sewqan fejn jirrigwarda l-vetturi li jkunu ħerġin minn toroq sekondarji li jiżbukkaw fit-triq prinċipali. L-obbligi ta' "main road user" fi triq fejn m'għandiex toroq sekondarji jisporġu ġo fiha huma *in parte* differenti mill-obbligi ta' "main road user" fi triq prinċipali li fiha hemm jiżbukkaw numru ta' toroq sekondarji.

"Il-principju regolatur f'kazijiet konsimili huwa ormaj ben saldat fil-gurisprudenza li ssostni li min ikun hiereg minn triq sekondarja ghal triq principali ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza. Jehtieglu jesplora sewwa t-triq principali, aktar u aktar fejn il-vizwali tieghu tkun ostakolata minn vetturi pparkajati, kif hekk kien il-kaz f'din il-kawza; Il-kazistika inoltre tikkawtela li hu ghandu johrog "inching out" u jassigura li t-triq hi libera." (**Mario Spiteri vs Charles Vella** - PA - 02/12/2002)

Ikkunsidrat;

Is-smiegħ tal-kawża odjerna huwa karatterizzat minn skarsita ta' provi. Ma jidhirx li dan huwa riżultat ta' nuqqas ta' eżistenza ta' provi in kwantu jirriżulta illi appena seħħ l-inċident il-Maġistrat tal-

Għassa innomina diversi esperti. Pero' fil-kors tas-smiegħ tal-provi fil-kawża odjerna, minn fost l-esperti hekk nominati l-attriċi resqet biss lill-espert ġudizzarju l-PL Mario Buittiġieġ li kien inkarigat mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jiġbor ix-xhieda u jirrikostruwixxi id-dinamika tal-inċident. Fir-relazzjoni tiegħu magħmula fl-inkjesta; li kkonferma quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-1 ta' Lulju 2019, l-PL Buttiġieġ esprima l-opinjoni illi l-konvenut Schembri:

> "… kien għaddej b'veloċita' qawwija hu jew ma rax lil Fenech ħiereġ mit-triq sekondarja u ma kienx kapaċi jikkontrolla l-vettura tiegħu. Illi l-istint ta' Schembri kien li meta seħħet il-ħabta u dawwar l-isteering fejn sab is-Citroen C 3 tiela mid-direzzjoni kontra. Illi l-impatt kien tant qawwi li l-vittma u ċioe' Fenech spiċċa mitluq mal-art bejn il-BMW u l-Fiat Punto.
>
> Illi mill-evidenza li tħalliet fuq ix-xena tal-allegat incident irriżulta b'mod ċar illi fil-mument tal-ħabta Benjamin Schembri kien għaddej tant b'saħħtu u dan jidher ukoll mill-*post impact* li ħallew kemm il-vetturi u anki l-mutur"

**Filmat tal-Inċident**.

Fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti diversament presjeduta l-Ispettur Elliot Magro xhed illi hemm filmat tal-inċident li ġie elevat mill-esperti ġudizzjarji nominati fl-inkjesta.[2]

Għal xi raġuni mhux magħrufa l-espert fl-inkjesta li ssejjaħ jixhed f'din il-kawża ma semma xejn, la fir-relazzjoni tiegħu u lanqas fil-kors tat-testimonjanza tiegħu quddiem din il-Qorti diversament

[2] Paġna 25 tal-proċess

presjeduta, dwar dan il-filmat li presumibilment ġie elevat minn esperti oħra nominati fl-inkjesta.

Dan qed jingħad għal żewġ raġunijiet prinċipali.

Fl-ewwel lok, filmat ta' inċident huwa meqjus ħafna drabi bħala l-aqwa prova tenut kont illi filmat, speċjalment jekk ikollu immaġini tajba u mhux distorta jew fjakka, b'differenza ta' xhud okulari, la jista' jkun influwenzat minn impressjonijiet u lanqas minn emozzjonijiet. Filmat tajjeb jiddeskrivi l-akkadut mingħajr la żidiet u lanqas nuqqasijiet.

Tali filmati tas-CCTV elevati minn esperti ġudizzjarji jieħdu importanza akbar tenut kont illi s-sewwieq tal-mutur miet fuq il-post filwaqt li s-sewwieq tal-BMW li kellha l-impatt mal-mutur ma xhedx peress li l-proċeduri penali kontra tiegħu dwar l-istess inċident għadhom pendenti.

Appena huwa neċessarju jiġi sottolineat illi fil-qasam tal-proċeduri ġudizzjarji l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq min jallega; filwaqt li min iressaq il-prova huwa tenut li jressaq l-aqwa prova disponibbli.

Dawn il-prinċipli regolanti l-oneru tal-prova u l-kwalita' tal-prova isibu il-fondament tagħhom fil-massima legali "**ei incumbit probatio qui dicit, non quo negat".** Kif ġie osservat reċentement mill-Qorti tal-Appell:

> "Tajjeb li jigi mfakkar li l-ligi stess tipprovdi li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u li l-Qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li, issirilha l-ahjar prova li parti tista' ggib (Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-

Ligijiet ta’ Malta). Fis-sentenza ta’ din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-27 ta’ Gunju, 1953 fl-ismijiet Joseph Zammit v. Joseph Hili, (Kollez. Vol. XXXVII.I.577), insibu: “ma hux dubitat li r-regola generali hi l-“onus probandi” hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - “ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat”.” Ghalhekk fil-kamp civili element necessarju dwar il-provi huwa li min jallega jrid jipprova. Il-Qorti trid tasal ghad-decizjoni taghha fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemha u tkun moralment sodisfatta li l-attur lahaq l-oneru tal-prova mitfugh fuqu. (**Andrew Brincat et. vs Tabib Ewlieni tal-Gvern et** - Appell (Sup) - 27/10/2021).

Isegwi għalhekk illi fiċ-ċirkostanzi partikolari ta’ dan il-każ kien jinkombi fuq l-attriċi li tressaq l-aqwa prova dwar l-inċident u ċioe’ il-filmat tal-akkadut. Għal raġunijiet mhux magħrufa għażlet li ssejjaħ wieħed biss mill-esperti ġudizzjarji illi ma jirriżultax li ra il-filmat ta’ dan l-inċident.

Tenut kont illi d-decujus manifestament ħareġ minn triq sekondarja għal fuq triq prinċipali titfa fuq is-sewwieq tal-mutur responsabbilita’ prinċipali għall-akkadut. Il-liġi applikabbli kif ukoll il-ġurisprudenza jitfgħu piż kbir fuq sewwieq li ħiereġ minn triq sekondarja għal dik prinċipali. Mill-provi mressqa huwa evidenti illi s-sewwieq tal-mutur kiser waħda mir-regoli prinċipali tas-sewqan illi qabel ma sewwieq joħroġ minn triq sekondarja għal triq prinċipali jeħtieġlu jkun ċert illi l-manuvra tiegħu ma hiex ser tikkontribwixxi għal xi incident stradali. Fi kliem ieħor, sewwieq li jkun ħiereġ minn triq sekondarja għandu jieqaf milli joħroġ minnha jekk jara per eżempju li vettura fit-triq prinċipali qed tinstaq lejh fuq in-naħa ħażina tat-triq jew inkella jekk jara li vettura li ġejja lejh fit-triq prinċipali qed tinstaq bi speed eċċessiv u li ma kienx għal dak l-ispeed eċċessiv kieku kien jirnexxielu joħroġ mit-triq sekondarja għal dik prinċipali mingħajr problema.

Kif ġie ritenut fis-sentenza **Jeffrey Caruana vs Carmel Montesin** mogħtija mill-Prim' Awla fit-13 ta' Lulju 2010:

> "Huwa ghal kollox irrilevanti ghall-accertament tal-htija tal-konvenut, il-post fejn sfat milquta l-vettura tal-konvenut u cioe' jekk kienx fil-pont ta' wara tax-xellug inkella fil-genb .... il-fatt centrali huwa li l-konvenut bhala utent tat-triq sekondarja, qabad u hareg fin-nofs tat-triq principali meta din it-triq ma kinietx libera mit-traffiku."

Min-naħa l-oħra sewwieq ta' vettura fi triq prinċipali għandu wkoll l-obbligi tiegħu sabiex jiġu evitati inċidenti stradali. Il-fatt li triq prinċipali jkollha toroq sekondarji jagħtu għal fuqha jitfgħu fuq is-sewwieq fit-triq prinċipali l-obbligu li jżomm "a proper look out" akbar għal vetturi li jistgħu, anke bla mistenni, joħorġu għal għarrieda minn toroq sekondarji. Wieħed mill-modi kif sewwieq fi triq prinċipali jista' jikser dan l-obbligu huwa bili jsuq bi speed eċċessiv.

Tajjeb li hawn jiġi sottolineat illi l-kawża odjerna ma hiex sempliċement sabiex jiġi stabbilit jekk il-konvenut kienx qed isuq bi speed eċċessiv. Il-mertu tal-kawża odjenra ta' indoli ċivili huwa li, tenut kont li l-konvenut kien qed isuq fit-triq prinċipali, jiġi fl-ewwel lok stabbilit jekk kienx qed isuq bi speed eċċessiv u fl-affermattiv jekk tali speed eċċessiv kienx il-kaġun prinċipali jew inkella ikkontribwixxiex għall-inċident stradali li wassal għall-mewt tas-sewwieq tal-mutur.

Dan l-eżerċizzju huwa neċessarju f'ċirkostanzi simili sabiex jiġi stabbilit jekk it-tort għall-inċident kienx kollu ta' min ħareġ mit-triq sekondarja jew inkella jekk hemmx element ta' kontributarjeta' da

parti ta' min kien qed isuq fit-triq prinċipali. Intqal illi mhux kull infrazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku hija rilevanti sabiex wieħed jasal għad-deċiżżjoni dwar ir-responsabbilita' għall-inċident (**Micallef St John vs Spiteri** - Appell Superjuri - 15/01/2002)

L-espert ġudizzjarju imqabbad mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jirrikostruwixxi d-dinamika tal-inċident stqarr illi mll-investigazzjoni li huwa għamel fuq il-post tal-inċident ftit ħin wara l-akkadut irriżulta li l-konvenut kien qed isuq bi speed eċċessiv.

Iż-żewġ passiġġiera fis-Citroen xhedu li raw il-vettura misjuqa mill-konvenut ġejja għal fuqhom. Anke hawn il-Qorti tinnota illi s-sewwieqa tal-vettura Citroen ma sejħitx mill-attriċi sabiex tagħti t-testimonjanza tagħha; għalkemm kienet indikata bħala xhud. Fil-fatt minn kif jidher li seħħ l-inċident, is-sewwieqa tas-Citroen kienet l-unika sewwieqa involuta f'dan l-inċident li setgħat tixhed b'mod newtrali in kwantu huwa eskluż li setgħat ikkontribwixxiet għall-inċident. Pero' kif ġia ingħad, l-attriċi għażlet li ma tressaqiex. Evidentement il-passiġġiera fis-Citroen raw biss il-vettura misjuqa mill-konvenut ġejja għal fuqhom iżda ma rawx il-mutur li ħareġ mit-triq sekondarja.

Il-provi skarsi li tresqu dwar id-dinamika tal-inċident ma jsibx ġustifikazzjoni fl-atti inkwantu fl-ebda stadju l-attriċi ma informat lill-Qorti li kienet irriskontrat xi diffikulta' sabiex jiġu eżebiti l-filmati miġbura mill-esperti fl-inkjesta; bħal daqstant ieħor ma ġiex indikat li kien hemm xi diffikulta' li titressaq bħala xhud is-sewwieqa tas-Citroen; bħal daqstant ieħor ma l-Qorti ġiet informata li kien hemm xi diffikulta' sabiex almenu jiġu eżebiti r-ritratti li t-tieħdu fuq il-post tal-inċident kif ukoll sketch li ċertament xi wieħed jew waħda mill-esperti tal-inkjesta għamlu; bħal daqstant ieħor ma kien hemm l-ebda diffikulta' illi l-espert ġudizzjarju l-PL Buttiġieg

flimkien mar-relazzjoni tiegħu jeżebixxi kopja tad-dokumenti annessi magħha, fosthom ir-riżultat ta' ħames surveys.[3]

Fl-assenza ta' dawn il-provi li evidentement kienu disponibbli kieku intalbu mill-attriċi u kienu jikkostitwixxu l-aqwa prova fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti ser tqis jekk l-speed tal-vettura misjuqa mill-konvenut fl-istanti qabel l-inċident ikkontribwixxiet għall-inċident.

Jekk il-veloċita' eċċessiva li tirriżulta bħala stat ta' fatt hiex fattur kontributorju għar-responsabbilita' tal-inċident jiddependi mill-fattispecie ta' kull każ. F'uħud mis-sentenzi ġie ritenut illi allavolja irriżulta li kien hemm veloċita eċċessiva qabel l-impatt, tali veloċita' eċċessiva ma ġietx ritenuta rilevanti għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-responsabbilta' għall-inċident (Ara. **Anthony Piscopo vs Ruth Theuma** - PA - 23/10/2013;). Ġie wkoll ritenut illi bħala regola, sewwieq li jkun qed isuq karrozza b'veloċita' eċċessiva - jekk dan ma jkunx il-kawża determinanti tal-kolliżżjoni - ma għandux jinstab responsabbli lanqas fi grad ta' kontributorjeta' sakemm l-ispeed tiegħu ma jikwalifikax bħala speed sfrenat (Ara **Anna Stanley vs Alan Zahra** - PA - 23/03/1993).

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa il-provi u tikkonsidra illi l-fatt li l-vettura tal-konvenut spiċċat fuq in-naħa l-oħra tat-triq, ħabtet ma vettura ġejja mid-direzzjoni opposta u kompliet sejra taħbat ma vettura ipparkjata fuq in-naħa l-oħra tat-triq, abbinat mat-testimonjanza taż-żewġ passiġġiera fis-Citroen, huma fuq livell ta' probabilita indikazzjoni li l-konvenut kien qed isuq il-vettura tiegħu bi speed eċċessiv li abbinat mal-ħruġ inaspettat tal-mutur minn triq sekondarja ikkontribwixxa għall-inċident de quo. L-ispeed eċċessiv tal-konvenut impedieh milli jieħu "evasive action" sew billi jnaqqas l-ispeed qabel l-impatt kif ukoll billi jipprova jevita l-impatt. Kif

[3] Ara *a tergo* paġna 71 tal-proċess

intqal fis-sentenza **Jesmond Bonello vs Giulio Baldaccino** (Appell Superjuri - 15/01/1997):

> "Il-velocita eccessiva (in civilibus mhus limitata ghall-eccess ta' velocita' ghal dik regolamentari imma tista' tkun in eccess ta' dik konsentita lil sewqan prudenti skont ic-cirkostanzi) tista' titqies bhala fattur li jiddebita responsabbilita' jew kontributorjeta' ghas-sinistru f'kazi fejn jew jigi pruvat li dik il-velocita kienet il-kawza prossima jew ikun ikkontribwixxa b'mod rilevanti ghall-aggravament tad-danni kagonati lill-istess sinistru."

Pero', anke fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza preponderanti fuq is-suġġett in materja, ir-responsabbilita' tal-konvenut għall-inċident hija minuri meta komparat mar-responsabbilita' tas-sewwieq tal-mutur.

**Wara li qieset u għarblet il-provi mressqa l-Qorti tqis illi għall-inċident mertu tal-kawża odjerna ir-responsabbilta' għandha tinqasam in kwantu għal kwart (1/4) fuq il-konvenut u tlett kwari (3/4) fuq is-sewwieq tal-mutur.**

Fir-rigward tal-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenut, il-Qorti tqis li l-attriċi ippruvat sodisfaċentement illi hija l-unika eredi universali tad-decujus.[4]

[4] Ara ċertifikat tal-mewt a fol. 42; testament unica charta a fol. 43; dijarazzjoni causa mortis a fol. 46; riċerki testamentarji fol. 50 – 53.

**<u>Danni</u>.**

Permezz tal-**Artikolu 1045 il-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta)** jinsab provdut illi:

"(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.

(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."

**Artikolu 1046:**

"Jekk minħabba l-għemil li jagħti lok għad-danni xi ħadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjeż attwali ikkaġunati, tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem, skont id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan."

L-attriċi resqet il-prova li hi l-eredi tal-mejjet żewġha billi ppreżentat iċ-ċertifikat tal-mewt, ir-riċerki testamentarji, kopja tal-aħħar testament tad-decujus li permezz tiegħu innomina lill-attriċi unika eredi universali ta' żewġha u finalmnet kopja tad-dikjarazzjoni causa mortis minn fejn jirriżulta li l-attriċi aċċettat il-wirt lilha mħolli.

Dwar l-azzjoni promossa ai termini tal-Artikolu 1046 tal-Kap 16 bħalma qed tagħmel l-attriċi, l-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti

tal-Appell fl-ismijiet "**Giuseppa Cortis et vs Cecil Baker nomine**" mogħtija fil-31 ta' Jannar 1997 fejn irriteniet li:

> "l-fatt li l-legislatur uza l-kelma 'eredi' mhix per se konklussiva li l-azzjoni hi moghtija iure ereditatis ghax biex azzjoni tkun tali qabel xejn trid tkun tirrigwarda xi beni li kien ga fil-patrimonju tad-decujus qabel ma miet…ghalhekk l-interpretazzjoni li trid tinghata lill-Artikolu 1089 (illum Artikolu 1046) mhix dik li l-eredi huma vestiti b'dik l-azzjoni bhala dritt lilhom trasfuz mill-vittma, izda inveci li, ghalkemm huma jikkonsegwixxu dak id-drittt minhabba l-mewt tieghu, dan isir ope legis u bhala dritt minhabba l-mewt tieghu, dan isir ope legis u bhala dritt proprio taghhom, li hu koncett sostanzjalment differenti, u ghalhekk mhuwiex dritt recepit mill-massa ereditarja, ghax hawn mhux qed nitkellmu izjed fuq it-trasmissjoni ordinarja lill-eredi tieghu tad-drittijiet minnu akkwistati waqt hajtu taht l-artikolu 1088 (illum l-artikolu 1045) u li ma kellux zmien jesperixxi ghalih innifsu sakemm miet, izda fuq ordni iehor ta' ideat."

Għalhekk, permezz tal-azzjoni attriċi msejsa fuq l-artikolu 1046 l-attriċi qed tadixxi lill-Qorti għall-kumpens lilha mogħti direttament mil-liġi u mhux minħabba xi dritt li hija wirtet mingħand id-decujus żewġha li ħalliha bħala eredi unika assoluta tiegħu.

Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni ai termini tal-Artikolu 1046 issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Lulju 2020 fl-ismijiet "**Carmen Pecorella pro et noe vs Lino Strafrace et.**" fejn iċċitat b'approvazzjoni awtorita' fuq is-suġġett li jispjega illi:

> "The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expection of life of the dependants… There must also be a discount for the uncertainties

> of life… Discount must also be made for the fact that the dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death…"[5] Il-Qorti tal-Appell irriteniet inoltre illi "… aċċident mhux xi entità astratta, iżda hu fatt li ġara kif inhu fix-xorta u l-kobor tiegħu; huwa ġrajja bl-inċident inerenti miegħu li minnu jitnisslu d-danni mġarrba mill-vittma u li għalihom irid iwieġeb min, bin-negliġenza tiegħu, jkun ikkawżahom;"

Ma jirriżultax li l-attriċi resqet xi pretensjoni dwar *damnum emergens* iżda llimitat it-talba tagħha għal *lucrum cessans*; tant illi fir-rigward tal-*lucrum cessans* ippreżentat iċ-ċertifikat tal-mewt minnn fejn jirriżulta illi d-decujus Paul Fenech kellu sittin (60) sena fid-data tal-mewt. Ġew preżentati wkoll l-FS3's tad-decujus għas-snin 2015; 2016 u 2017. Peress li Paul Fenech miet fis-sena 2017 l-FS3 għal dik is-sena ma tikkomprendix id-dħul ta' sena sħiħa. Għalhekk ser tqis id-dħul li kellu fis-sena 2016 fejn jirriżulta li għal dik is-sena kellu **dħul net** ta' tmintax-il elf, tmien mija u ħamsa u tmenin ewro (€18,885) u mhux ser tiġbed medja fuq l-aħħar tlett snin.

Fir-rigward tal-kwantifikazzjoni tad-danni intqal illi "A bazi tal-ligi taghna l-kwantifikazzjoni tad-danni tibqa' fid-diskrezzjoni tal-gudikant, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghalkemm jezistu certu principji, dawn m'humiex assoluti.

Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Debono v. Malta Drydocks** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' April, 2005, inghad:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna spirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu

[5] **Thomas Saunt** - ***Damages for Personal Injury and Death*** (Tielet Ediz, 1986), pag 53

1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal Qorti biex, valjati c-cirkustanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l-inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, pero`, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja." (**Janette Borg et. Franġisku Pisani pro et noe** - Qorti Appell (Superjuri) - 17/03/2021)

Skond **Artikolu 2 tal-Att dwar is-Sigurta' Soċjali (Kap. 318)** persuni li twieldu fis-sena 1957 bħad-decujus jirtiraw ta' tlieta u sittin (63) sena. Għalhekk tenut kont li d-decujus kellu 60 sena meta miet, huwa kellu quddiemu ħajja lavorativa ta' tlett snin u għalhekk ser tadotta multiplier ta' tlieta (3).

Dwar tnaqqis li għandu jsir il-Qorti ser issegwi l-aħħar ġurisprudenza fir-rigward fosthom is-sentenza "**Susanne Sammut pro et noe vs L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta**" mogħtija fis-27 ta' Marzu 2020 mill-Qorti tal-Appell fejn ġie segwit il-metodu ta' tnaqqis ta' għaxra fil-mija (10%) minħabba pagament f'daqqa u ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) minħabba konsum personali tad-decuius; b'kollox 35%.

Għalhekk il-Qorti qed tillikwida d-danni dovuti lill-attriċi bil-mod segwenti:

**€**

| | | |
|---|---|---|
| **Dħul net annwu X 3** | **:** | **56,656.92** |
| **Nieqes 35%:** | **:** | **<u>19,829.92</u>** |
| **Sub-total** | **:** | **36,827.00** |
| **¼ responsabbilta' tal-konvenut** | **:** | **9,206.75** |

Dwar l-ispejjeż, b'applikazzjoni tal-**Artikolu 223 tal-Kap.12** il-Qorti qed tiddeċiedi illi tlett kwarti tal-ispejjez huma a karigu tal-attriċi filwaqt li kwart tal-ispejjeż huma a karigu tal-konvenut.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut konformement ma' dak hawn deċiż;

1. Tilqa' in parte u tiċħad in parte l-ewwel talba; tiddikjara lill-konvenut responsabbli għal kwart (1/4) għall-inċident stradali tad-9 ta' Novembru 2017 ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun bejn vettura HBU-882 minnu misjuqa u l-mutur ICA-467 misjuq minn Paul Fenech li miet fl-istess inċident;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi, mart id-decuius Paul Fenech u l-unika eredi tiegħu, b'riżultat tal-inċident de quo fis-

somma ta' disat elef, mitejn u sitt ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€ **9,206.75).**

3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma hekk likwidata ta' €9,206.75.

Bl-imgħax legali millum sad-data tal-effettiv pagament.

Tordna illi l-ispejjeż jitħallsu in kwantu għal tlett kwarti (3/4) mill-attriċi u in kwantu għal kwart (1/4) mill-konvenut.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**
25 ta' Novembru 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**